MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 579/1995/2

**Frans Micallef**

**Vs**

**Daphne Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Peress illi fit-12 ta' Gunju, 1993, ghall-habta tas-1.00 p.m., f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar, waqt li l-attur kien qed isuq il-karozza numru L-8878, din kienet involuta f'kollizzjoni mal-vettura numru T-7459 misjuqa mill-konvenuta;

Peress illi b'konsegwenza ta' dan l-incident l-attur sofra danni materjali fil-karozza tieghu li gew stmati li jammontaw ghal Lm840;

Peress illi r-responsabilita` ta' dan l-incident u l-konsegwenzjali danni li sofra l-attur hija tal-konvenuta minhabba n-negligenza, traskuragni u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku li wriet fis-sewqan taghha;

Peress illi interpellata diversi drabi biex tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mill-attur fl-incident in kwistjoni, il-konvenuta baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk l-istess attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-incident in kwistjoni li sehh fit-12 ta' Gunju, 1993;

2. Tillikwida d-danni li sofra l-attur konsegwenza tal-imsemmi incident fis-somma ta' Lm840 (tmien mija u erbghin liri Maltin), jew somma ohra li tista' tigi likwidata occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma imsemmija jew dik is-somma li tigi hekk likwidata, bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-20 ta' Ottubru, 1993 u tat-3 ta' April 1995 u tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Frar, 1995.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Preliminarjament in-nullita` ta' dawn il-proceduri billi d-dikjarazzjoni tal-attur mhiex iffirmata mill-Avukat tieghu u dana kif huwa obbligat li jaghmel a tenur tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fil-meritu l-esponenti tirrileva illi hija qatt ma kienet involuta f'incident tat-traffiku mal-attur u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta, u l-lista tax-xhieda minnha ndikati;

Rat id-digriet tat-28 ta' Gunju, 1995 li permezz tieghu gie nominat bhala espert gudizzjarju l-Avukat Dottor Joseph Azzopardi sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert gudizzjarju li tinsab a fol. 41 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-Udjenza tal-15 ta' Lulju, 1997;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Fl-incident meritu ta' din il-kawza ma sehhetx kollizzjoni pero' l-attur qed jallega li l-'eventus damni' subit minnhu kien tort tal-konvenuta li holqitlu, bil-manuvra taghha, emergenza subitanea u ma taghtux opportunita` jirreagixxi tempestivament ghall-ostakolu inaspettat li kkrejatlu, bil-konsegwenza li spicca mahbut mac-'centre strip'.

Fost l-elementi krucjali tal-provi nsibu dan:-

(i) L-attur jghid li kien qed isuq wara l-vettura tal-konvenuta meta hin minnhom gibdet lejn ix-xellug u regghet gibdet lejn il-lemin, minghajr ma xeghlet l-indicator, biex tmur in-naha l-ohra tat-triq fejn kien hemm petrol station. Dak il-hin kien 'close' maghha, anqas minn tliet karozzi tul.

(ii) Huwa jghid ukoll li biex jevitaha gibed aktar lejn il-lemin, evita li jahbat maghha pero spicca mahbut mac-centre strip. Dwar speed jghid li kien xi ftit aktar qawwi minn normal pero’ anqas mill-ispeed tal-konvenuta. Applika l-brakes qabel ma dahal fic-cint.

(iii) Skond il-versjoni tal-konvenuta din taccetta li riedet tmur fil-petrol station pero’ hi xeghlet l-indicator biex turi li riedet iddur, waqfet fuq ix-xellug tal-pompa tal-petrol f’nofs it-triq fejn damet xi sekondi. Kien f’dan il-hin li giet il-karozza tal-attur li ssorpassaha minn fuq il-lemin taghha u spicca mahbut mal-hajt.

(iv) Il-konvenuta issoktat tghid li dak il-hin li kienet wieqfa karozzi warajha ma kienx hemm tant li l-attur ratu biss meta ghadda minn fuq il-lemin taghha.

(v) Cecilia Fenech, passiggiera fil-‘car’ tal-konvenuta, irrakkontat li qabel ma l-konvenuta kienet ser tmur fil-petrol station, waqfet fin-nofs tat-triq ghal ftit sekondi ghax kien gej traffiku mill-faccata. Ziedet taggungi illi “qabel ma daret giet karozza fast minn naha tal-lemin”. Il-car tal-konvenuta kienet ghadha wieqfa fid-dritt u mhux angolata.

Konfrontat b’dawn iz-zewg versjonijiet il-perit legali illimita ruhu ghall-unika riflessjoni illi, skond hu, “dawn it-tip ta’ incidenti jigu ghar-ragunijiet li gab l-attur u fuq bazi ta’ probabilita` ghandu jinghata ragun hu”.

Jinkombi ghalhekk fuq il-Qorti biex tezamina l-fatturi determinanti tal-incidenti, tindaga dwar il-kawza immedjata u prossima tieghu, u tara jekk l-opinjoni tal-espert nominat ghandiex tigi sostenuta jew skartata.

F’kaz bhal dan fejn il-versjonijiet huma irrikonciljabbli l-Qorti jehtiegilha tesplora sew il-manuvri taz-zewg sewwieqa. Dan anke ghaliex iz-zewg sewwieqa jsostnu illi l-kontro-parti kellha tigi ritenuta responsablli ghal dak li ssuccieda.

L-indikaturi li jemergu mir-regolamenti u mill-bon sens ghad-determinazzjoni tar-responsabilita' jikkoncernaw il-kondotta tas-sewwieqa.

Huwa indiskuss illi l-konvenuta kellha tassikura mhux biss li t-triq quddiemha kienet libera izda wkoll li toqghod attenta ghal min ikun gej minn warajha, b'mod li tevita li taghmel manuvri nkonsulti.

Minn naha l-ohra huwa wkoll indubitat illi l-attur kellu jkun konxju minn dak li qed jigri quddiemu 'in plain view' u ghalhekk kellu d-dover li hu wkoll juza prudenza u attenzjoni anke ghall-imprevvisti.

Mill-provi akkwiziti l-Qorti tigbed dawn il-konkluzjonijiet u riferenzi mill-komportament tas-sewwieqa:-

i. 'Ex concessis' il-konvenuta tistqarr li dak il-hin li kienet wieqfa warajha ma kienx hemm vetturi. Din l-ammissjoni, fil-fehma tal-Qorti, kienet tibbasta biex taddebita certa responsabilita' fuq il-konvenuta. Dan ghaliex jew ma harset xejn jew jekk harset ma harsetx sew u kif kellha thares. Mhux possibbli u lanqas kredibbli illi fi triq dritta u fejn il-vizwali ma kienet bl-ebda mod ostakolata illi f'waqfien ta' erbghin (40) sekonda, anke jekk jigi accettat li waqfet, ma ratx il-vettura tal-attur gejja minn warajha u li anzi, kif konfessat minnha, ratha biss meta ghaddiet minn fuq il-lemin taghha.

ii. Certament hi kellha l-obbligu li qabel ma taghmel il-manuvra li ddur biex tmur fil-petrol station kellha taccerta ruhha li din il-manuvra setghet taghmilha b'sikurezza u tkun preparata ghal dak li qed jizvolgi mhux biss quddiemha izda anke warajha.

iii. Ma kienx konsentit li hi tissorprendi lill-attur bil-manuvra taghha u tohloqlu emergenza li ggieghel lill-attur jirrealizza tard wisq li l-konvenuta kienet ser taqsam minn quddiemu.

Il-konvenuta tghid li hi kienet xeghlet l-indicator biex taghti preavviz tal-manuvra taghha. Fl-opinjoni tal-Qorti jew din

l-istqarrija hi inveritiera jew ma nghatatx tempestivament. Mod iehor, difficilment jista' jigi spjegat ghalfejn l-attur htieglu 'nolens volens' isegwi l-istess manuvra taghha u jigbed ukoll b'aktar qawwa lejn il-lemin.

Il-konvenuta tghid ukoll li l-attur bilfors kien gej bi speed u skond il-passiggiera taghha "fast enough to lose control".

Issa apparti li ghal dik l-arterja tat-triq ma giex pruvat li l-ispeed kien xi wiehed eccessiv izda anke jekk dan kien hekk u dan il-fattur seta' qieghed lill-attur fl-impossibilita' li jirreagixxi fil-pront ghall-ostakolu inaspettat li l-konvenuta poggiet quddiemu minghajr preavviz adegwat, hi gurisprudenza pacifika illi fil-kaz kongruwu l-fatt li jista' jirrizulta anke xi eccess ta' velocita' ma kellux ikun fattur li jaddebita htija fuq l-attur jew xi element ta' kontributorjeta`.

Konsiderati l-aspetti kollha l-Qorti tinklina versu l-konkluzjoni tal-perit legali. Dan ghaliex ukoll il-grad ta' attenzjoni fil-kaz de quo kien ferm oghla fuq il-konvenuta illi kienet intenzjonata titraversa minn quddiem l-attur li kien gej minn warajha. Del resto skond il-Lex Aquilia persuna titqies responsabbli anke ghal kolpa lievi "et laevissima culpa venit". L-ammont tad-danni kif stabbilit mill-perit legali ma jidherx li gie kontestat, u inoltre l-Qorti taqbel mal-apprezzament dwarhom.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tiddikjara li l-konvenuta kienet fi htija ghall-incident li sehh fit-12 ta' Gunju 1993 li fih l-attur sofra danni.

Tilqa' t-tieni domanda u tillikwida d-danni subiti mill-attur fl-ammont ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400).

Tilqa' konsegwentement it-tielet domanda u tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata in liena ta' danni.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku tal-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------